**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 15 ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru: 66/2016 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali taht l-Art. 166A**
**tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 5062/2007 fl-ismijiet:**

**Benjamin Mangion Ltd. (C22251) u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2017 isem is-socjeta' Benjamin Mangion Ltd ghandu jaqra BMFD Limited**

**vs**

**James Catania, f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Softual Developments Co. Ltd. (C34456)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat minn James Catania f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Softual Developments Co. Ltd. (C34456) nhar it-22 ta' Marzu, 2016 fejn espona s-segwenti:

1. *"Illi r-rikors odjern qed jigi pprezentat mir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghar-*ragunijiet segwenti.

2. *Illi permezz tal-ittra ufficjali odjerna, mahruga taht l-Artikolu 166A, is-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. talbet il-hlas ta' kreditu li fil-fehma taghha kien cert, likwidu u dovut.*

3. *Illi l-istess ittra ufficjali qatt ma giet notifikata lir-rikorrent, u r-rikorrent sar jaf bl-istess ittra biss fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), u dan peress illi a bazi tal-istess ittra sar rikors mis-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minkejja l-fatt illi mir-riferta datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) a prima facie jidher li l-istess ittra giet notifikata lir-rikorrent nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), meta din thalliet ma' terza persuna, senjatament Joe Zerafa.*

4. *Illi peress illi mill-imsemmija riferta kien indikat li r-rikorrent kien gie notifikat, is-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. ghaddiet sabiex tirrendi l-istess ittra f'titolu ezekuttiv skont il-Ligi, u dan peress illi gialadarba r-rikorrent ma kienx jaf bl-istess ittra ufficjali, huwa ovvjament naqas milli jipprezenta nota sabiex jopponi ghall-istess talba entro t-terminu ta' tletin (30) jum previst mil-Ligi.*

5. *Illi minkejja illi tali riferta tindika, a prima facie, illi r-rikorrent proprio et nomine kien gie notifikat bl-att gudizzjarju in kwistjoni f'Novembru 2008, fil-verita' kien biss fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena 2016 illi huwa sar jaf bl-att gudizzjarju, u fl-umli opinjoni tieghu, in-notifika ma kinitx wahda valida, u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw f'dan ir-rikors.*

6. *Illi mill-istess riferta jidher b'mod car ghall-ahhar illi l-att gudizzjarju ma thalliex direttament f'idejn ir-rikorrent, izda thalla f'idejn certu Joe Zerafa fl-indirizz ta' socjeta' ohra, senjatament JP Advertising Ltd.*

7. *Illi wiehed f'dan l-istadju jrid jassumi, illi dan Joe Zerafa kien jahdem flimkien mar-rikorrent.*

8. *Illi madanakollu, minn kif kienet taqra l-Ligi li tirregola n-notifiki ta' atti gudizzjarji fiz-zmien tal-allegata notifika, ma kienx bizzejjed illi 'l-kopja tithalla fil-lok fejn....tahdem jew fil-post tax-xoghol...' tal-persuna li lilha jkun destinat l-att, kif inhi s-sitwazzjoni llum.*[1]

9. *Illi fiz-zmien li fih saret in-notifika, cioe' f'Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-Ligi kienet tghid mod iehor fl-Art. 187 (1) tal-Kap. 12, li kien jaqra hekk:*

*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha* **jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol** *jew fl-indirizz postal taghha:[enfasi mizjud]*

[1][1]Vide l-Art. 187 (1) tal-Kap. 12 – *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab.* ***In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol*** *jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-ufficjal inkarigat min-notifika ghandu jaghmel zewg tentattivi ohra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura minghajr ebda awtorizzazzjonijiet ohra mill-Qorti u dawn it-tentattivi ghandhom isiru f'hinijiet differenti tal-gurnata bl-ahhar tentattiv ta' notifika jsir wara l-hinijiet gudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika ghandu jsir wara li jithallas id-dritt xieraq dovut lir-Registru. L-ufficjal inkarigat min-notifika ghandu jirregistra certifikat separae ta' notifika fl-atti gudizzjarji ghal kull tentattiv li jkun sar…*

10. *Illi jekk wiehed jifli ftit il-kliem uzat mil-legislatur, jidher car illi kif inhi l-Ligi llum, huwa bizzejjed illi l-kopja tal-att tithalla fil-post tax-xoghol tal-persuna* ***minghajr il-htiega*** *illi min jircievi l-istess att ikun awtorizzat mill-persuna li lilha tkun destinata l-ittra sabiex jircievi l-istess att f'isimha.*

11. *Illi dan huwa totalment differenti mis-sitwazzjoni li kienet vigenti fiz-zmien meta allegatament saret in-notifika tal-att gudizzjarju odjern, cioe', f'Novembru 2008, meta l-Ligi kienet espressament tirrikjedi illi jikkonkorru zewg elementi, jigifieri:*

    a) *'dik il-kopja tithalla ... f'idejn ... persuna* ***awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha****...'*
    b) *'...fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew* ***fil-post tax-xoghol****...'*

12. *Illi minn dan huwa car immens illi skont il-Ligi applikabbli fiz-zmien li fih qed jigi allegat li saret in-notifika, jirrizulta illi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti stabbiliti mil-Ligi, u dan peress illi ma jirrizultax illi l-persuna li allegatament irceviet l-att ghan-nom tar-rikorrent – jekk fil-fatt kien jahdem fl-istess post tax-xoghol – kien qatt gie awtorizzat mir-rikorrent sabiex jircievi l-posta tieghu.*

13. *Illi anke l-****Qorti tal-Appelli Kummercjali****[2] *ippronuncjat ruhha f'dan is-sens, ossia dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 187 qabel ma dan gie emendat, fejn qalet hekk:*

    *Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni [Art 187(1) tal-Kap. 12] jidher li fl-ewwel parti taghha d-disposizzjoni qeghda tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja ta' l-att lill-persuna li ghandha*

[2] Cachia vs Sullivan, 27 ta' April 1987.

*tkun innotifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla, ghall-finijiet ta' notifika, il-kaz fejn il-kopja ta' l-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u tiddisponi inter alia li l-* ***kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna nnotifikata jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna nnotifikata*** *[enfasi mizjud]*

14. *Illi minn dan jidher illi dawn ir-rekwiziti jridu jirrikorru, u m'humiex alternattivi.*

15. *Illi ghalhekk, il-fatt wahdu illi dan l-imsemmi terz suppost ircieva xi att gudizzjarju f'isem ir-rikorrent qatt ma jista' jikkostitwixxi notifika valida fil-konfront tal-istess rikorrent stante li r-rikorrent qatt ma kien awtorizza lill-istess terz sabiex jircievi atti f'ismu.*

16. *Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jigi rilevat ukoll illi fl-ebda waqt dan l-att ma ngieb a konjizzjoni tar-rikorrent mill-persuna li allegatament ircevietu f'ismu minghajr ma kienet hekk awtorizzata, jew minn xi persuna ohra, b'dan, allura illi l-ewwel darba illi r-rikorrent sar jaf b'dan l-att gudizzjarju li kien gie pprezentat fil-konfront tieghu kien proprju meta gie notifikat bir-rikors maghmul mis-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. ai termini tal-Art. 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

17. *Illi di piu', u minghajr pregudizzju, l-ittra ufficjali de quo hija monka proceduralment anke ghal dak li jirrigwarda l-procedura stabbilita taht l-Artikolu 166A(7), cioe':*

*Minkejja d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, meta ittra ufficjali pprezentata skont l-artikolu ma tigix notifikata fuq id-debitur f'sitt xhur minn*

*meta l-istess ittra tigi pprezentata, il-procedura provduta f'dan l-artikolu ma tibqax tapplika minghajr pregudizzju ghall-jedd tal-kreditur li jkun jista' jipprezenta ittra ufficjali ohra skont dan l-artikolu b'referenza ghall-istess debitu.*

18. *Illi carament, fil-kaz tal-ittra ufficjali odjerna, dan il-perjodu ta' sitt xhur ma giex rispettat, stante illi l-ittra ufficjali odjerna giet ipprezentata fis-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) izda r-riferta li a bazi taghha s-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. qed tghid li r-rikorrent gie notifikat hija datata tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). A bazi ta' dan il-fatt biss, din it-titolu ezekuttiv ottenut mill-istess socjeta' ghandu jigi rexiss.*

19. *Illi inoltre, u minghajr pregudizzju, meta s-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. ipprezentat l-ittra ufficjalli mertu ta' dawn il-proceduri, hija naqset milli tirrispetta d-dettam tal-Ligi stabbilit taht l-Artikolu 166A(2) li jghid li f'tali ittra ufficjali "ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita', ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba".*

20. *Illi bhal ma qalet il-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Inferjuri** taghha*[3]

*'...il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12...il-Legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi introduca din il-procedura specjali ... Il-Qorti hi tal-fehma illi l-ittra ufficjali hija xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha d-dikjarazzjoni tal-fatti, b'sostenn tat-talba, il-kliem ghax-xoghol u ghall-parts mhuwiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li ittra*

[3]Sultana vs Mercieca, 15 ta' Frar 2010.

*ufficjali jkollha fiha dikjarazzjoni tal-fatti. Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawzi ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A, il-kreditur seta' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunita' kollha li f'kaz ta' dubbju jipprezenta nota fit-terminu ta' tletin gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur li jkun kostrett jaghmel kawza. Madanakollu il-htiega li ittra ufficjali jkollha "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba" hija ndikata. Dan ir-rekwizit huwa ad validitatem u s-sanzjoni hija nullita' tal-ittra ufficjali ghall-finijiet tal-166A. Il-kreditur ghandu obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar xhiex jitratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih fil-posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss.'*

21. *Illi fl-istess spirtu pronuncjat ruhha l-Qorti tal-Appell[4], fejn qalet:*

*'...gialadarba l-uzu tal-att gudizzjarju innovattiv introdott bil-Ligi procedurali ossia l-Artikolu 166A huwa ntiz bl-iskop li jevita l-proceduri gudizzjarji tal-kawza u l-hela ta' energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq titolu ezekuttiv...allura mhux bizzejjed li fl-ittra ufficjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba ... imma ghandu jkun skont ir-regola normattiva u ghaliex le, il-buon sens jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn hawn tiddependi ghat-tutela tad-difiza tad-debitur l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjoni kollha tal-fatti ghal-liema qed jintalab il-hlas, u b'hekk ikun fi grad ahjar li jammetti jew jirripella skont il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti'.*

22. *Illi fid-dawl ta' dan l-inqas li setghet taghmel is-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. kien illi tannetti dokumentazzjoni in sostenn tat-talba taghha, izda fil-fatt*

[4]Gouder vs Zammit, 6 ta' Ottubru 2010.

*lanqas mizerjament pprezentat l-allegata fattura li a bazi taghha suppost sar il-hlas jew prova tal-hlas allegat sabiex permezz taghha issostni dak li kienet qed titlob. Jirrizulta mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna hekk kif citata hawn fuq illi tali nuqqas jolqot direttament il-validita' ta' ittra ufficjali mahruga taht dan l-Artikolu, u kwindi, anke fid-dawl ta' dan, it-titolu ezekuttiv ottenut mill-istess socjeta' ghandu jigi rexiss.*

23. *Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, Benjamin Mangion Ltd. ipprezentat anke rikors ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu, jirrizulta illi fid-data tal-prezentata tar-rikors imsemmi, l-isem Benjamin Mangion Ltd. ma kienx jikkorrispondi man-numru ta' registrazzjoni C22251 hekk kif indikat fl-istess rikors, u fil-fatt dan in-numru jikkorrispondi ghal isem iehor ossia BMFD Limited, u dan kif jidher mid-dokument li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. JC1. Ghalhekk huwa ikoncepibbli kif socjeta' tittenta li tressaq rikors taht isem iehor sabiex tigi awtorizzata tezegwixxi allegat titolu ezekuttiv.*

24. *Illi ghalhekk jirrizultaw is-segwenti fatti:*

    a. *Fl-ewwel lok, min ircieva l-att f'isem ir-rikorrent lura fis-sena 2008 qatt ma kien awtorizzat f'dan is-sens mill-istess rikorrent kif kienet tirrikjedi l-Ligi;*
    b. *Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju, min ircieva l-att, fl-ebda waqt ma gab l-istess att a konjizzjoni tar-rikorrent.*
    c. *Fit-tielet lok, l-ittra ufficjali ma gietx notifikata lir-rikorrent entro t-terminu ta' sitt xhur mid-data tal-prezentata taghha kif rikjest ad validitatem mil-Ligi.*

d. *Fir-raba' lok, l-ittra ufficjali hija priva minn dikjarazzjoni b'mod car dwar ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.*
e. *Fil-hames lok, ir-rikors hekk kif propost minn Benjamin Mangion Ltd. huwa fil-fatt improponibbli, stante li ma tezisti l-ebda socjeta' b'dak l-isem fir-Registru tal-Kumpaniji, u inoltre, in-numru ta' registrazzjoni C22251 indikat mis-socjeta' Benjamin Mangion Ltd. fil-fatt jikkorrispondi ghall-isem BMFD Limited.*

25. *Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-fatti, qatt ma jista' jigi meqjus illi l-att gudizzjarju hawn fuq imsemmi kien gie validament notifikat lir-rikorrent, u kwindi l-istess att gudizzjarju ghandu jigi rexiss u dikjarat null u bla effett kif tistipula l-Ligi fl-Art. 166A(5) tal-Kap. 12.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi, previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja,*

1. *Tiddikjara illi r-rikorrent ma kienx jaf bl-ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 5062/2007 ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; u*

2. *Tiddikjara illi l-ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 5062/2007 ma gietx notifikata lir-rikorrent entro t-terminu ta' sitt (6) xhur previst mill-Artikolu 166A(7); u*

3. *Tiddikjara illi l-ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 5062/2007 hija priva minn dikjarazzjoni b'mod*

*car dwar ir-raguni li fuqha hija msejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba; u*

4. *Tiddikjara illi m'hemm l-ebda socjeta' registrata fir-Registru tal-Kumpaniji bl-isem 'Benjamin Mangion Ltd', u li ghalhekk qatt ma seta' jitressaq rikors ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn 'Benjamin Mangion Ltd.';*

5. *Tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv miksub mis-socjeta' Benjamin Mangion Ltd."*

Rat ir-risposta tad-socjeta' intimata BMFD Limited (C22251) gja Benjamina Mangion Limited ipprezentata fis-6 ta' Lulju 2016 fejn eccepiet illi:

*"It-talbiet imressqa fir-rikors odjern ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghar-ragunijiet li gejjin:*

1. *Fl-ewwel lok ir-rikors odjern huwa improponibbli u allura null; dan ghaliex il-kumpanija rikorrenti, li qeghda prezentament tigi xjolta, ma pprocedietx bl-awtorizzazzjoni preventiva ta' l-istralcjarju taghha ghall-prezentata tal-istess.*

2. *Fit-tieni lok ir-rikors odjern, in kwantu imressaq fit-22 ta' Marzu 2016 gie mressaq ferm oltre t-terminu stabbilit mill-Art. 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan anke 'l ghaliex l-intimati kienu regolarment notifikati bl-ittra gudizzjarja li ggib ir-referenza numru 5062/2007, datata 4 ta' Settembru 2007.*

*In sostenn ta' din il-premessa taghhom ir-rikorrenti javvanzaw numru ta' argumenti legali nterpretattivi dwar in-notifika ta' atti gudizzjarji; dan sabiex jittantaw jikkonvincu lil din il-Qorti illi n-notifika ta' din l-ittra gudizzjarja ma sehhitx. L-isforzi tar-rikorrenti, anke f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri huwa bil-wisq indikattiv ta' tentattiv frivolu sabiex jippruvaw jiskappaw min-notifika li sehhet validament.*

3. *Fit-tielet lok il-lanjanza tar-rikorrenti abbazi tal-Art. 166A (7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija legalment infondata. Dan ghaliex is-subinciz (7) ta' dan l-Artikolu dahal fis-sehh wara l-prezentata u n-notifika tal-ittra gudizzjarja in kwistjoni u ghaldaqstant ma jistax jigi applikat ghall-istess.*

4. *Fir-raba' lok il-lanzjanza l-ohra tar-rikorrenti msejsa fuq l-Art. 166A (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija daqstant iehor legalment insostenibbli in kwantu l-ittra gudizzjarja in kwistjoni hija ghal kollox konformi mad-dettami procedurali tal-artikolu msemmi.*

5. *Fil-hames lok il-kumpanija BMFD Limited li ggib in-numru ta' registrazzjoni C22251 ma hija hadd ghajr il-kumpanija istanti, li fid-29 ta' Mejju 2015 bidlet isimha minn 'Benjamin Mangion Limited' ghal 'BMFD Limited'. Ghaldaqstant jehtieg li jsiru d-debiti tiswijiet f'dawn l-atti.*

6. *Fis-sitt lok it-talbiet rikorrenti huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt."*

**James Catania** xehed fis-26 ta' Ottubru, 2016 li esebixxa kopja tar-rikors li qed jigi mmarkat bhala Dokument JC u dan huwa rcevih fit-3 ta' Marzu tas-sena 2016 li kien jum il-birthday ta' ibnu u spjega illi ra din l-ittra ufficjali annessa ma' dan id-dokument l-ewwel darba dakinhar 3 ta' Marzu 2016. Esebixxa kopja legali ta'

din l-istess ittra ufficjali li l-Qorti immarkat bhala Dokument JC1. Spjega li f'Novembru tas-sena 2008 huwa ma kienx qed jahdem ma' JP Advertising, Multi Court, Suite 57, Giuzeppi Cali Street, Ta' Xbiex ghaliex kien diga' telaq minn dan l-impjieg. Kien jahdem hemmhekk qabel. Mistoqsi jekk jafx min hu Joe Zerafa spjega li jaf min hu Joe Zerafa. Spjega li effettivament dan kien jahdem JP Advertising pero' ma jafx x'tip ta' xoghol kien jaghmel. Kienu jahdmu dipartimenti differenti u hu qatt ma awtorizza lil dan Joe Zerafa biex jircievi ittri ghan-nom tieghu u qatt ma kellmu socjalment. Qatt ma gharrfu li effettivament kien ircieva xi ittra. Ikkonferma li din l-ittra ufficjali kien raha l-ewwel darba fit-3 ta' Marzu 2016 meta kien ircieva l-mandat. Spjega illi dakinhar fit-2008 it-tifel tieghu kien diga' twieled u ghalhekk huwa cert li ma kienx qed jahdem JP Advertising. Spjega wkoll li huwa m'ghandux idea ghalxiex qed tirreferi din l-ittra ufficjali ghaliex ix-xoghol li kienu ghamlu lis-socjeta' intimata effettivament kien diga' sar u thallas tieghu. Esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dokument JC2 li hija l-employment sheet tieghu mahruga mill-ETC. Ikkonferma li s-socjeta' Software Developments Company Limited illum hija maghluqa. Effettivament spjega li hija struck off mir-registration tal-MFSA. Il-kumpanija Software kellha ufficcju temporanju gewwa Valley Road Birkirkara u dan b'kera. Qeghdin jitkellmu hawnhekk iktar minn tnax-il sena ilu. Huwa ma baqaghlu l-ebda kuntatt mas-socjeta' JP Advertising.

**Joseph Saliba** ghan-nom u in rapprezentanza ta' Jobs Plus xehed fis-7 ta' Dicembru, 2016 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' senior executive ma' Jobs Plus li kienet maghrufa bhala ETC. Esebixxa l-*history sheet* ta' James Catania karta tal-identita' numru 415493(M) liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala document JS.

**Joe Zerafa** ghan-nom u inrapprezentaza tas-socjeta' JP Adverstising Ltd xehed fis-7 ta' Dicembru, 2016 u spjega li huwa rtira f'Gunju 2016 minn JP Advertising

Ltd u kien jokkupa l-kariga ta' credit controller. Huwa beda jahdem ma' din is-socjeta' fis-sena 1994. Is-Sur Catania, il-konvenut jiftakru jahdem ukoll ma' JP Advertising. Gie muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol. 34 u spjega li huwa m'ghandu l-ebda konnessjoni ma' dan id-dokument. Qatt ma sema' bis-socjeta' Softual Developments. Softual Developments qatt ma sema' biha u hu qatt ma kellu xi struzzjonijiet fejn seta' jircievi xi dokumenti ghan-nom ta' James Catania. Huwa minnu li huwa kien jiftah il-posta pero' meta kien hemm xi haga tal-Qorti kien jghaddiha lid-direttur. Ma jiftakarx jekk huwa qattx ircieva xi haga f'isem James Catania u ghaddiha lilu. Ra l-pink card esebita f'dawn l-atti a fol. 35 fejn hemm indikat skont il-pink card li hemm inserita illi l-att a fol. 34 kien gie mholli f'idu. Huwa ma jiftakarx b'dan il-kaz partikolari pero' jipprezumi li una volta huwa rcieva xi haga li ghandha x'taqsam mal-Qorti minkejja li kienet indirizzata lil James Catania ghaddiha lid-direttur ta' JP Advertising. Ghalhekk eskluda li effettivament seta' ghaddiha lil James Catania ghax ikun ghaddiha lid-direttur la huma haga tal-Qorti.

**Jonathan Perrett** ghan-nom u in rapprezentanza JP Advertising xehed nhar it-22 ta' Marzu, 2017 u stqarr li jokkupa l-kariga ta' financial controller tas-socjeta' JP Advertising. Gie mitlub sabiex jaghti informazzjoni dwar jekk effettivament James Catania kienx ghamel xi zmien impjegat mas-socjeta' minnu rapprezentata u kkonferma li effettivament dan kien jahdem maghhom minn Frar 2008 sa Frar 2009. Esebixxa kopja tar-rapport li effettivament kienu saru xi emoluments lil tat-taxxa u effettivament tnaqqsitlu wkoll l-NI. Dawn gew immarkati bhala Dokument CSH1. L-ufficcji taghhom jinsabu Ta' Xbiex. Qal illi Joe Zerafa kien jahdem ma' din il-kumpanija taghhom u effettivament irtira ricentement u kien ilu jahdem maghhom xi ghoxrin sena. Huwa kien jahdem f*'accounts u administration.*

**Kevin Bajada** xehed nhar il-31 ta' Mejju, 2017 fejn qal illi huwa jahdem bhala pustier mal-Maltapost. Meta muri dokument inserit fl-atti a fol 35 mahrug mill-ufficju tal-impustar u appuntu fejn hemm il-firma ta' Kevin Bajada, ikkonferma li dik hija l-firma tieghu u l-ID card hemm imnizzel hu dak tieghu wkoll.

**PL Quentin Tanti** ghan-nom u in rapprezentanza ta' MSFA xehed nhar il-31 ta' Mejju 2017 fejn huwa esebixxa, kif giet mitlub, Board Resolution straordinarja tal-kumpanija BMFD Limited datata 29 ta' Mejju 2015 u din giet registrata fir-Registru fis-16 ta' Gunju 2015. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MFSA. Apparti dan id-dokment huwa esebixxa kopja ta' memorandum tas-socjeta' BMFD Limited. Waqt il-kontro-ezami huwa qal illi l-kumpanija BMFD Limited ghadha attiva. Huwa esebixxa wkoll payment advice note tal-hlas li sar lilu biex jixhed dakinhar, li gie mmarkat bhala Dokument MFSA 1.

**Christopher Bianco** xehed nhar is-27 ta' Settembru 2017 fejn qal illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur u *shareholder* mas-Socjeta' JP Advertising Limited u rrizenja minn dan l-inkarigu fis-6 ta' Settemberu 2017. F' Novembru tas-sena 2008 huwa kien Direttur. Mistoqsi jekk jafx min hu Joe Zerefa, qal illi jafu peress li kien haddiem ma' JP Advertising. Ikkonferma li huwa minnu li Joe Zerafa kien jiftah il-posta ta' JP Advertising u mistoqsi jekk effettivament kienx jghaddi l-posta lilu bhala Direttur jew lil xi Direttur iehor hu qal illi gieli effettivament il-posta giet ghandu kif wkoll ghand Direttur iehor specjalment jekk kienet xi kwistjoni ta' Qorti.

Qal illi mieghu dak iz-zmien kien hemm John Formosa bhala Direttur. Qal ukoll li John Formosa rrizenja wkoll minn din il-kumpanija. Il-prassi ta' meta kienu jircievu xi dokumentazzjoni mill-Qorti li tirrigwardja xi mpjegat taghhom hi li kienu jghadduha lilu. James Catania jaf li kien impjegat maghhom wkoll. Hu ma

jafx li effettivament kien hemm xi dokumentazzjoni li kellha x'taqsam mal-Qorti u hu ghaddiha lil James Catania. Mistoqsi meta effettivament James Catania beda l-impjieg tieghu ma' JP Advertising, qal li mhux f'pozizzjoni li jwiegeb *su due piedi.*

Meta gie muri dokument li jinsab inserit fl-Atti a fol. 29 li hija ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru 2007, qal li m'ghandu l-ebda *recollection* ta' din l-ittra pero' xtaq jghid li jekk ikun hemm l-isem James Catania fuq l-envelop, hu jaqbad u jghaddi l-envelop lilu, ma joqghodx jiftahha biex jara x'hemm go fiha. Lanqas ma seta' jikkonferma li dak iz-zmien ta' din l-ittra u cioe' fl-4 ta' Settembru 2007 jekk James Catania kienx impjegat maghhom jew le bl-amment. Qal illi l-informazzjoni ta' dan James Catania tkun registrata mal-Jobs Plus.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

1. Illi s-socjeta' intimata Benjamin Mangion Limited kienet ipprezentat ittra ufficcjali nhar l-4 ta' Settembru 2007 li ggib in-numru numru 5062/2007 u dan sabiex tikkanonizza il-kreditu taghha li fil-fehma taghha kien cert likwidu u dovut.
2. Illi skond ir-riferta tal-Marixxall Crucifisso Briffa din l-ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrenti meta thalliet kopja ta' dan ir-rikors ma' Joe Zerafa fil-fond JP Advertising ta' Matilde Court Suite 5 – 7, Giuseppe V Cali Street, Ta' Xbiex nhar it-18 ta' Novembru 2008 (vide fol. 35).

3. Illi ghalhekk a bazi ta' din ir-riferta posittiva msemmija aktar 'l fuq, is-socjeta' intimata ghaddiet sabiex trendi l-istess ittra ufficcjali f'titolu ezekuttiv.
4. Illi r-rikorenti qed jilmenta li huwa sar jaf bl-ezistenza ta' dan ir rikors nhar it-30 ta' Ottubru 2016 meta s-socjeta' intimata pprezentat rikors ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan gie notifikat lir-rikorrenti fit-3 ta' Marzu 2016.
5. Ir-rikorrenti jghid li huwa ma kkontestax u ma opponiex it-talba kontenuta f'din l-ittra ufficcjali fi zmien tletin jum peress li ma kienx jaf biha u sar jaf biha BISS wara li rcieva ir-rikors li sar ai termini tal-Artikolu 258(c).

Illi r-rikorrenti isostni li n-notifika ta' din l-ittra ufficjali mhix valida u dan ghaliex iz-zmien tan-notifika ta' l-artikolu 187 kien jipprovdi li l-ittra ufficcjali tista' tithalla fil-post tax-xoghol ta' dak li jkun purche' tithalla f'idejn il-persuna li ghandu jircievi tali att jew **ma' persuna awtorizzata** minnha biex tircievi l-posta taghha ghad-differenza ta' illum li tista' tithalla fuq il-post tax-xoghol minghajr il-htiega li tali persuna li jirceviha ikun awtorizzat mid-destinatarju taghha. Ghalhekk ir-rikorrenti isostni li ma gewx sodisfatti r-rekwiziti stabbiliti mill-ligi.

Fit-tieni lok ir-rikorrenti jemmen li tali ittra ufficjali hi ukoll monka proceduralment ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 166A (7) u dan ghaliex l-ittra ufficcjali ma gietx notifikata lid-debitur rikorrenti fiz-zmien sitt xhur minn meta l-istess ittra giet pprezentata u ghalhekk il-procedura provduta f'dan l-artikolu ma tibqax tapplika. Ir-rikorrenti jsostni li l-kreditur intimat seta' jipprezenta ittra ufficjali ohra skont dan l-artikolu b'referenza ghall-istess debitu.

Fit-tielet lok isostni ukoll li s-socjeta' intimata ma rrispettatx d-dettam tal-ligi stabbilita' taht l-artikolu 166(2) u dan ghaliex l-ittra ma fihiex b'mod car ir-

raguni li fuqha hija imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u dikjarzzjoni tal-fatti b'sostemm tat-talba.

Fir-raba' lok ukoll ir-rikorrenti jistqarr illi r-rikors li gie pprezentat mis-socjeta' intimata gie pprezentat b'numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija hazina u dan ghaliex in-numru C 2251 jirrifletti is-socjeta' BMFD limited u mhux lil Benjamin Mangion Limited.

Illi ghalhekk a bazi tas-suespost ir-rikorrenti qed jitlob li l-ittra ufficjali 5062/2007 tigi rexissa u dikjarata nulla u bla effett skond l-artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-socjeta' intimata pprezentat ir-risposta taghha ghat-talba rikorrenti u sostniet is-segwenti:-

Fl-ewwel lok ir-rikors odjern ma hux improponibbli u allura null ghaliex il-kumpanija intimata Benjamin Mangion Limited qieghda prezentement tigi xjolta u ma pprocedietx bil-awtorizazzjoni preventiva tal-istralcarju taghha ghall-prezentata ta' l-istess. F'dan ir-rigward jinghad li hadd mill-partijiet ma ressaq xi prova lanqas remota dwar l-allegat stralc tas-socjeta' intimata u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi respinta fuq nuqqas ta' provi ta' dak allegat.

Fit-tieni lok l-intimat jemmen li l-ittra ufficjali 5062/2017 giet regolarment notifikata lir-rikorrenti. Jirrizulta mill-atti li huwa minnu li l-ittra ufficjali 5062/2007 giet ipprezentata fir-registru ta' din l-Qorti nhar l-4 ta' Settembru 2007 (fol. 34) u din giet notifikata lir-rikorrenti meta thalliet kopja ta' l-istess ma' certu Joe Zerafa fl-indirizz moghti mill-istess socjeta' intimata nhar it-18 ta' Novembru 2008 (erbatax-il xahar wara li giet ipprezentata).

Mill-atti jirrizulta u cioe' mix-xhieda ta' Jonathan Perett li kien jokkupa l-kariga ta' financial controller tas-socjeta' intimata kif ukoll mix-xhieda ta' Christopher Bianco ex-Direttur tas-socjeta' intimata li Joe Zerafa kien jahdem mas-socjeta' JP Advertising ta' Matilde Court Suite 5 – 7, Giuseppe Cali Street, Ta' Xbiex u dan in korroborazzjoni ma' dak li xehed Joe Zerafa innifsu fejn ikkonferma li huwa kien jokkupa il-kariga ta' Credit Controller u beda x-xoghol tieghu fis-sena 1994 u spicca f'Gunju 2016. Ikkonferma li kien jahdem mar-rikorrenti fis-socjeta' JP Advertising. Cio' nonostante jghid li r-rikorrenti qatt ma tah xi awtorizzazzjoni sabiex jircievi xi korrispondenza tieghu. Ikkonferma li huwa kien responsabbli li jircievi l-posta u meta kien ikun hemm xi haga tal-Qorti kien jghaddiha lil xi Direttur tas-socjeta' JP Advertising. Mistoqsi jekk kienx ircieva xi haga tar-rikorrenti jghid li ma jiftakarx la jekk irceviex xi haga u lanqas jekk kienx ghadda xi haga tal-Qorti lilu. Qal li hu ma jiftakarx dan il-kaz pero' jghid li jekk ircieva xi att gudizjajru zgur li jkun ghaddiha lil xi Direttur tas-socjeta' u ghalhekk jeskludi li seta' ghadda xi dokumenti tal-Qorti lir-rikorrenti ghax ikun ghaddihom lil xi Direttur.

Jibda biex jinghad li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata *ad litteram* - Vol XVII p1 p 879:

Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "*osservata aIla lettera e non per equipollens*". Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati ad unguem. (ara Qorti ta' I-Appell 14.06.2001, **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet **Said International Limited vs MAC Limited et** inghad li:

"*Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub.*"

Kif akkolt mid-decizjoni fuq l-istess materja hawn ritrattata fil-kawza fl-ismijiet "**Alessandro Delhin -vs- Antonio Darmanin et**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Novembru 1927 (Vol XXVI pII p498) "*da tale disposizione (illum Art 187 tal-Kap 12) si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura di fa direttamente alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa e al servizio della persona medesima*".

Fl-istess sens u tal-istess fehma d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Scerri –vs- Emmanuele Portelli et**", 18 ta' Frar 1974.

Naturalment l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap 12, u tibdiliet legislattivi ohra li saru qablu, estenda l-lista tal-persuni li maghhom il-kopja tal-att seta' jithalla. Cio' nonostante, l-istess hsieb formulat fil-precitata sentenza jibqa' wiehed validu. Tant dan hu hekk illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Cachia nomine -vs- Salvino Sullivan et noe**", Appell, 27 ta' April 1987, jinghad dan:

"*Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija ntiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sija lill-persuna fizika sija lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota marginali li hemm mal-imsemmija*

*disposizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qed tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda.*"[5]

Din il-Qorti ssostni li n-notifika ta' att gudizzjarju ghandu jigi meqjus validu meta jezistu c-cirkostanzi kif kontemplati fl-**Artikolu 187(1) tal-Kap 12** (llum emendat) u cioe' li n-notifika issir:

"*lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna, jew f'idejn il-prokuratur taghha,* ***jew persuna awtorizzata minnha***[6] *biex tircievi l-posta taghha*".

Dan l-artikolu u cioe' l-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 gie abbraccjat u osservat mill-Qorti tal-Appelli Inferjuri fis-sentenza '**Angelo Bartolo noe vs Emmanuel Zammit'** deciza fit-30 ta' Marzu 2001 fejn gie ritenut li:

"*in-notifika ta' att issir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li liha l-iskrittura tkun notifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur legali taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta*

[5] Ara sentenza Joseph Caruana Curran vs Victoria Vella deciza App. Inf. 12/05/2003
[6] Enfasi ta' din il-Qorti

*taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha*".

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc** tat-28 ta' Marzu, 2007 qalet hekk dwar il-proċedura tan-notifika ta' atti ġudizzjarji:

"*In-notifika f'idejn min hu indikat li jiricevi l-posta f'dawk ic-cirkustanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament ezegwita. B' dan il-mod l-Artikolu 187 (1) precitat johloq il-presunzjoni iuris tantum illi n-notifikand hu xjenti mill-att ta' l-avviz notifikat lilu ghall-instawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta' l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att.*"

Fil-kaz in desamina jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li Joe Zerafa rcieva l-att u dan ghaliex sahansitra anke rrikonoxxa il-firma tieghu bhala destinatarju tal-att gudizzjarju a fol. 35 ta' l-atti. Jirrizulta wkoll li huwa kien jahdem mas-socjeta' JP Advertising fl-istess socjeta' fejn kien jahdem ir-rikorrenti u li in effetti kien responsabbli ghall-ftuh tal-Posta. Jirrizulta li meta kien jircievi posta tal-Qorti u (ghalhekk dan ifisser li kien awtorizzat jircievi tali posta) kien jghaddiha lil wiehed minn zewg Diretturi u cioe' lil Chris Bianco jew lil John Formosa. Chris Bianco kkonferma li kien jinghata atti gudizzjarji lilu minn Joe Zerafa u jghid li in segwitu kien ighaddihom lil dak li jkun intitolat ghalihom pero fir-rigward tar-rikorrenti ma ftakar xejn la jekk irceviex att u lanqas jekk ghaddhielux xi att. Zgur pero' ma qalx li r-rikorrenti ken qallu biex ma jircevix atti ghan-nom tieghu. M'hemmx dubju li l-prattika kienet li l-posta li kienet tircievi JP Advertising

kienet tghaddi kollha minn idejn Joe Zerafa u kien hu li kien jiddistribuwiha lil min hu koncernat u ghalhekk tacitament ifisser li hu kien awtorizzat jircievi l-atti tal-impjegati ta' JP Advertising. Filwaqt li d-Direttur l-iehor John Formosa ma giex imharrek bex jixhed u jeskludi l possibilta' li kien hu li ghadihielu.

Illi l-ligi ma tezigix li l-att ghandu jithalla f'idejn id-debitur fuq il-post tax-xoghol izda tezigi biss li ghandha tithalla fil-lok fejn jahdem u ghalhekk jikkonsegwi li una volta l-ittra ufficcjali thalliet fi-post tax-xoghol tar-rikorrent allura tali notifika hija valida u tissodisfa r-rekwiziti tal-ligi.

Fid-dawl tal-provi imressqa, l-Qorti hija tal-fehma li n-notifika ta' l-ittra ufficcjali kienet valida. Illi ma jirrizultax li in effetti r-rikorenti odjern ipprezenta xi nota fl-atti tal-ittra ufficjali fi zmien tletin jum minn notifika tieghu u kien ghalhekk li l-intimat ottjena titolu esekuttiv stante li r-rikorrenti ma kkontestax tali talba tal-intimat.

Illi l-intimat minkejja li ottjena titolu esekuttiv ma kienx ipproceda sabiex jigbor id-debitu teghu u kienu ghaddew it-tlett snin preskritti mill-ligi u kien ghalhekk li s-socjeta' rikorrenti pprocediet billi ipprezentat rikors nhar it-30 ta' Ottubru 2016 sabiex tkun tista' tesgwixxi l-ittra ufficjali.

L-**Artikolu 166A(5) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fiz-zmien **ghoxrin** gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi

mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu[7], il-Qorti tkun sodisfatta:

(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew

(ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1),(2) jew (3):

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa car li l-azzjoni li d-debitur jista' jiehu biex jitlob in-nullità ta' titolu ezekuttiv ottjenut kontra tieghu bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi stitwita fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew xi att giudizzjarju iehor ibbazat fuq dak it-titolu. Illi jirrizulta li in effetti r-rikorrenti pprezenta r-rikors odjern tieghu fit-22 ta' Marzu 2016 u huwa jghid, li gie notifikat bir-rikors tal-intimat li sar ai termini tal-artikolu 258 (c) nhar it-3 ta' Marzu 2016 u ghalhekk entro l-ghoxrin jum preskritt mill-ligi.

F'dan ir-rigward il-Qorti tistrieh fuq il-principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika taghna li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali <u>huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati</u> u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula (sottolinear ta' din il-Qorti.) Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' rritwalità u nullità tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex-officio. In-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtigilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun giet migjuba a konoxxenza taghha – '**<u>Giuseppi</u>**

[7] Enfasi tal-Qorti.

**Caruana v. Charles sive Charlie Psaila'**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Marzu 1997.

Ghalkemm f'dik is-sentenza l-principju gie enuncjat fil-kuntest ta' proceduri ghal kollox differenti minn dawk odjerni, s-sustanza ta' l-istess principju bla dubju ta' xejn tapplika ghal kull procedura fejn it-terminu biex tigi dedotta pretensjoni/ilment quddiem il-Qorti/Tribunal kompetenti jinsab stabbilit fil-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk mill-fatti fuq esposti jirrizulta li r-rikors in ezami ma giex pprezentat entro t-terminu prefiss fil-Ligi u cioe' mill-ghoxrin jum min meta James Catania gie notifikat bl-ittra Uffijcali 5062/2007 u cioe' mit-18 ta' Novembru 2008 u ghalhekk mhux lok li jigi trattat il-mertu proprio ta' l-istess rikors b'mod partikolari jekk effettivament hux minnu li r-rikors huwa null u bla effett ghaliex ir-rekwisiti mandatorji tal-Artikolu 166A (2) ma gewx rispettati.

Ir-rikorrenti jikkontendi li t-titolu ezekuttiv ta' tas-socjeta' intimata kontra tieghu ghandu jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-Ligi, ghaliex l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 4 ta Settembru 2007, bin-Numru 5067/07, hija nulla stante li r-rekwiziti mandatorji ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx rispettati, senjatament id-dikjarazzjoni tal-fatti mehtiega mill-Ligi hija totalment assenti. In sostenn tal-pretensjoni tieghu r-rikorrent jinvoka il-principji guridici enuncjati fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gouder et v. Paul Zammit**, Appell Civili Nru. 113/10 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010 u fis-sentenza fl-ismijiet – citata wkoll fl-imsemmija sentenza **Gouder et v. Zammit – Noel Sultana v. Andrew Mercieca,** Rikors Nru. 10/10 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar 2010.

Is-socjeta' intimata tirribatti l-kontestazzjoni tar-rikorrent ghall-validità ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni u l-konsegwenti titolu ezekuttiv taghha bl-affermazzjoni li kontra dak pretiz minnha, ir-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti.

L-imsemmi Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita' mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba: Izda ma jistax isir uzu mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) jew (6) tal-artikolu 187 biex issir in-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dwar il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, fis-sentenza fl-ismijiet '**Noel Sultana v. Andrew Mercieca',** inghad illi permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12, il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. F'dik is-sentenza, il-Qorti kienet tal-fehma li l-ittra ufficjali kienet xotta hafna u dan ghaliex inghad li fiha biss il-kliem "dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba". Il-Qorti kienet sostniet illi l-kliem "ghal xoghol u parts" m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti". Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni ta' l-

Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madanakollu hemm il-htiega li l-ittra ufficjali jkollha "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba".

Mandanakollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità ta' l-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'pozizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss.

L-insenjament li johrog mis-sentenza fuq citata huwa wiehed car: il-procedura introdotta bl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija procedura specjali hafna u dak dettat mill-Legislatur ghall-validità taghha ghandu jigi segwit rigorosament. Ghalkemm il-procedura hija bbazata fuq il-prezentata ta' ittra ufficjali mill-kreditur kontra d-debitur, din l-ittra ufficjali ma tistax titqies bhala semplici interpellazzjoni ghall-hlas fejn it-taghrif moghti mill-kreditur lid-debitur jista' ma jkunx daqshekk dettaljat, basta li d-debitur ikun jaf dwar xiex jittratta d-dejn li qed jigi interpellat ihallas.

F'kaz ta' semplici interpellazzjoni ghall-hlas mhux necessarju li jinghata daqstant dettall oltre n-natura tad-dejn u r-raguni ghall-hlas, ghaliex f'kaz ta' inadempjenza da parte tad-debitur, il-kreditur jipprocedi bil-proceduri giudizzjarji quddiem il-Qorti/Tribunal kompetenti fejn hemm jaghti iktar dettal in sostenn tal-pretensjoni tieghu w id-debitur ikun jista' mhux biss jaf dwar xiex jittratta d-dejn, izda wkoll kif ghandu jiddefendi ruhu ghall-interpellazzjoni li qed issirlu.

Proprio ghaliex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija intiza biex jigi ottenut titolu ezekuttiv minghajr il-htiega ta' procedimenti gudizzjarji ulterjuri, f'kaz ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parte tad-debitur, huwa necessarju li dik l-ittra jkun fiha d-dettal kollu mehtieg biex id-debitur ikun jaf mhux biss dwar x'hiex jittratta d-dejn izda wkoll biex ikun f'pozizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha in toto jew f'parti minnha biss.

Il-procedura in kwistjoni hija intiza biex jitnaqqsu n-numru ta' kawzi quddiem il-Qrati, biex jitnaqqsu l-ispejjez u biex tithaffef il-procedura ghall-hlas ta' djun, izda dan certament ma ghandux ikun ta' detriment u pregudizzju ghad-drittijiet ta' debitur, fosthom id-dritt li jiddefendi ruhu kif jixraq. Huwa ghalhekk illi l-Legislatur rabat in-nullità tal-procedura u konsegwenti titolu ezekuttiv derivanti minnha, man-nuqqas ta' wiehed mir-rekwiziti rikjesti ad validitatem ta' l-ittra ufficjali, elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konferma ta' dawn l-osservazzjonijiet tirrizulta minn dak enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Gouder et v. Zammit.** Wara li kkunsidrat is-sentenza Sultana v. Mercieca u l-principji enuncjati fiha, il-Qorti ta' l-Appell ziedet tghid li minn dik is-sentenza wiehed jifhem ahjar x'ghandu jkun l-element kostituttiv ta' l-ittra ufficjali ghall-espressjoni legislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Dan mhux minghajr raguni gialadarba l-uzu ta' l-att gudizzjarji innovattiv introdott fil-ligi procedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiz bl-iskop li jevita l-procediment gudizzjarju tal-kawza (Artikolu 154 et sequitur) u l-hela ta' energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq t-titolu ezekuttiv. Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dak il-kaz 'appalt ta' injam' – imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-

debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi grad ahjar li jametti jew jirripella, il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' dik il-Qorti l-kliem 'appalt fuq l-injam", ma jikkostitwixxux dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu etcetera. Wiehed ma jistax ma jfakkarx f'dik il-gurisprudenza li tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta' konsiderazzjoni, meta kien ghadu jvigi r-rit tac-citazzjoni, fejn il-kawzali taghha tkun espressa bhala 'ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi' (Fortunata Mizzi [recte Maggi] v. Rosina Coleiro, Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1949), jew 'ghal ragunijiet ohra li jigu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawza' (Carmelo Darmenia [recte Darmanin] v. Avukat Dottor Charles Moore nomine, Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' April, 1964). B'egwal forza magguri dan huwa hekk ukoll il-kaz hawnhekk trattasi li hi l-ittra ufficjali li tikkreja per saltum titolu ezekuttiv. Irid jinghad imbaghad b'rabta ghall-proviso ta' l-Artikolu 789 fuq riferit illi ghall-ittra ufficjali de qua lanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita korrezzjoni gjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha.

Meta l-ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru 2007 bin-Numru 5062/07 mibghuta mill-intimat lir-rikorrenti tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak kollu appena osservat, ghandu jigi notat illi l-istess dikjarazzjoni fiha indikazzjoni tal-fatti kif intiz fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-ammont jirrappresenta refusjoni ta' flus ghal servizz ta' sistema ta' amministrazzjoni kompjuterizzata li kellu jinghata mill-intimat izda ma giex fornut lilha . Fl-ittra in kwistjoni gie dikjarat illi: (i) illi dan il-kreditu (ossia s-somma ta' €1,992.20) taghha jirrapprezenta refusjoni ta' flus ghal servizz ta' sistema ta' amministrazzjoni kompjuterizzata; (ii) illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut; (iii) illi d-debitu jirrapprezenta servizz ta' sistema ta' amministrazzjoni

kompjuterizzata li kellu jinghata mill-intimat izda ma giex fornut lilha (iv) illi ghalkemm ir-rikorrent gie interpellat sabiex ihallas, dan il-kreditu baqa' ma thallasx; u (v) illi ghalhekk kellhom jittiehdu dawn il-proceduri. Fil-fehma tal-Qorti tali dikjarazzjoni tissodisfa il-vot tal-Ligi u dan ghaliex tirrizulta n-natura tal-kreditu pretiz mis-socjeta' intimata, u hemm dettalji sufficjenti biex ir-rikorrent seta' jitqieghed f'pozizzjoni li jiddefendi ruhu kif jixraq ghall-interpellazzjoni tas-socjeta' intimata u jiehu decizjoni dwar kif jipprocedi fir-rigward ta' l-istess. Ir-rikorrenti fit-trattazzjoni tieghu jghid li s-socjeta' intimate ma pprezentat l-ebda invoice mal-ittra ufficjali, dwar dan jidher li hemm qbil u dan ghaliex invoice ma setghetx tintbghat ghaliex is-servizz ordnat u mhallas ghalih qatt ma gie fornut u ghalhekk invoice ma hemmx. Illi ghalhekk it-talba ghar-rexissjoni ai termini tal-artikolu 166A (5) qed tigi michuda.

Ir-rikorrenti sostna ukoll li l-ittra ufficcjali hija nulla ghaliex din giet notifikata lilu wara t-terminu ta' sitt xhur li giet prezentata. Illi huwa minnu li s-sub artikolu 7 tal-artikolu 166A jiddisponi li l-ittra uffccjali ghandha tigi notifikata fi zmien sitt xhur u jipprovdi is-segwenti:

(7) "*Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, meta ittra uffiċjali ppreżentata skont dan l-artikolu ma tiġix notifikata fuq id-debitur f'sitt xhur minn meta l-istess ittra tiġi ppreżentata, il-proċedura provduta f'dan l-artikolu ma tibqax tapplika mingħajr preġudizzju għall-jedd tal-kreditur li jkun jista' jippreżenta ittra uffiċjali oħra skont dan l-artikolu b'referenza għall-istess debitu".*

Kif gustament osservat il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **<u>Gouder et v. Zammit</u>** filwaqt li din il-Qorti wkoll tirrikonoxxi … *illi l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, minn naha l-ohra lanqas m'ghandu*

*però jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja."*

Mill-banda l-ohra pero' bhala principju, gie ribadit fil-kawza "**Giuseppe Caruana vs Charles sive Charlie Psaila**," (Appell, 21 ta' Marzu 1997) li giet imhaddna fis-sentenzi "**Earthcare Company Limited vs Kunsill Lokali Valletta**" (Appell Inferjuri, 7 ta' Novembru 2008) u "**Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd**" (Appell Inferjuri,12 ta' Frar 2010) li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

Kif imbaghad intqal fis-sentenza "**Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority**", (Appell mill-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007),

*"In-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal mottiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk necessarja ghal-raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita*".

Illi ghalhekk in vista tas-suespost peress li l-ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrenti sena u xahrejn wara li giet ipprezentata, tiddikjara li qed takkollji l-eccezzjoni tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors promotur tieghu fejn stqarr li l-ittra ufficcjali 5062/07 m'ghandhiex ikollha effett stante dak li jipprovdi is-sub artikolu 7 tal-Artikolu 166A tal-Kap 12.

**Illi konsegwentement, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddiskuti l-aggravji l-ohra sollevati mill-partijiet.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni u l-hames talbiet tar-rikorrent u tiddikjara l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Benjamin Mangion Ltd vs James Catania pro et noe" datata 4 ta' Settembru 2007, bin-Numru 5062/07, nulla u bla effetti fil-Ligi stante li ma gietx notifikata lir-rikorrent entro s-sitt xhur previst mill-Artikolu166A(7) u konsegwentement tirrexxindi u tiddikjara null u bla effetti fil-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjeta' intimata kontra r-rikorrent naxxenti minn dik l-ittra u ghalhekk tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq it-talbiet l-ohra.

L-ispejjez huma a karigu socjeta' intimata.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**